MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2007

Citazzjoni Numru. 191/2006

Kawza fil-lista: 22

**A B**
**vs**
**C D, E F, id-Direttur tar-Registru Pubbliku, u l-Avukat Dottor Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar nominati kuraturi deputati b' digriet tat-23 ta' Gunju 2000 biex jirrapprezentaw l-interessi tal-minuri G**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ta' l-attur li permezz tieghu ppremetta u talab hekk:

1. Illi l-konvenuta **C D** kellha u ghad ghandha relazzjoni ma' l-attur.

2. Illi l-attur qed jikkontendi anke minn dak li kienet qaltlu l-istess konvenuta **C D** illi t-tarbija li twieldet lill-istess konvenuta bl-isem ta' '**G**' nhar it-3 ta' Mejju, 2006 huwa jigi l-missier naturali u bijologiku taghha u dana minhabba l-fatt illi fiz-zmien meta giet ikkoncepita l-imsemmija tarbija l-imsemmija konvenuta ma kienetx qieghda tghix mal-konvenut zewgha **E F** u kienet fil-fatt ilha 'de facto' isseparata mill-istess konvenut **E F**.

3. Illi ghalhekk il-konvenut **E F** m' hux il-missier naturali tal-wild **G**.

4. Illi l-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku minhabba l-presunzjoni li tezisti fil-ligi ma jistax inizzel lill-attur bhala l-missier tal-minuri **G** fuq l-Att tat-Twelid in kwistjoni (Dok. MF1).

5. Illi, hekk kif se jkollha l-opportunita' li jipprova l-attur fit-trattazzjoni tal-kawza odjerna, l-konvenut **E F** kien fl-impossibilita' illi jkun il-missier naturali tal-minuri stante illi huwa ma kellu l-ebda kuntatt ma' l-attrici.

Ghaldaqstant l-attur umilment jitlob li dina l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet hawn fuq premessi joghgobha;

1. Prevja kull dikjarazzjoni li dina l-Onorabbli Qorti thoss li ghandha taghti fic-cirkostanzi, tiddikjara illi l-konvenut **E F** m' huwiex il-missier naturali tal-minuri **G** u dana anke permezz tal-hatra ta' perit nominandi izda huwa r-rikorrent **A B** il-missier bijologiku tal-minuri ndikat fir-rikors;

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet mehtiega fl-Att tat-Twelid bin-numru 1505/2006;

3. Tordna lill-istess konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku halli johrog att tat-twelid iehor hekk kif korrett.

Rat ir-risposta guramentata tal-Kuraturi Deputati li biha eccepew:

1. Illi l-esponenti m’ humiex edotti mill-fatti u jirriservaw li jissottomettu risposti ulterjuri meta jkunu edotti mill-fatti;

2. Illi huma jistghu jirrelevaw minn issa li sakemm il-kawza tkun limitata ghac-cahda ta’ paternita’ (prezumibilment bazata fuq l-Art. 77 tal-Kap. 16), il-kawza triegi salv naturalment il-prova ta’ l-interess guridiku u l-impossibilta’ fizika. Izda jekk hija ntiza biex tattribwixxi paternita’ naturali lill-minuri **G** fil-persuna ta’ l-attur, allura l-kawza ma tistax triegi, ghax kawza bhal din tmiss biss il-minuri nnifsu.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha eccepixxa:

1. Illi preliminarjament fir-rigward tat-talba tar-rikorrent, fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fir-rigward tat-talba tar-rikorrent, jehtieg illi r-rikorrent jipprova l-impossibilta’ fizika bejn il-konjugi u cioe’ bejn l-intimati **C D** u **E F**.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ukoll, ir-rikorrenti ghandu jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu biex jekk it-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jintlaqghu, dawn id-dettalji ikunu jistghu jigu inseriti fl-Att tat-Twelid in kwistjoni. Inoltre, jekk it-talbiet jintlaqghu, il-kliem “the said” iridu jigu kkancellati min taht id-dettalji ta’omm it-tarbija.

4. Illi fir-rigward tat-tielet talba, l-esponent, fuq talba ta’ persuna interessata, ikun f’ posizzjoni li johrog l-Att tat-Twelid kif korrett bl-ordni tal-Qorti.

5. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta’ l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

6. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas ta’ l-intimat li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti.

7. Salv eccezzjonijiet ohra.

Ghaldaqstant, l-esponent jirrimetti ruhu ghall-provi dwar il-mertu ghal gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti, bl-ispejjez.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut **E F** li biha eccepixxa:

1. Illi t-talbiet kollha ta’ l-attur m’ humiex kontestati tant illi huma veri.

2. Illi l-esponenti jikkontesta l-kap ta’ l-ispejjez u jissottometti li l-ispejjez ghandhom ikunu kollha a karigu ta’ l-attur **A B**.

Rat li l-konvenuta **C D** debitament notifikata ghazlet li tibqa’ kontumaci;

Rat l-Avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kap.16;

Rat ir-rapport tal-espert xjentifiku Dottor Renald Blundell minnu debitament mahluf;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob dikjarazzjoni minn din il-Qorti fis-sens li t-tarbija bl-isem “**G**” li twieldet minn martu l-konvenuta **C D** fit-3 ta’ Mejju 2006: [1] mhuwiex il-wild naturali tal-konvenut **E F**; u inoltre [2] li l-attur **A B** huwa l-missier bijologiku tal-minuri.

Illi ghalhekk l-azzjoni odjerna hija bazata fuq id-dispsot tal-Artikolu 77 tal-Kodici Civili in kwantu ghall-ewwel parti tat-talba, filwaqt li t-tieni parti tat-talba hija bazata fuq id-

disposizzjonijet elenkati that is-Sub Titolu II li jirregolaw il-prova tal-filjazzjoni. Inoltre, jigi osservat li, filwaqt li l-ewwel azzjoni tispetta lil kull min ghandu nteress purche' il-wild ikun konvenut fl-azzjoni, it-tieni azzjoni tispetta biss lit-tifel li allura ghandu jkun attur fl-azzjoni.

Mill-premess jirrizulta car li t-tieni parti ta' l-ewwel talba ta' l-attur fejn dan qed jitlob li jigi dikjarat missier it-tarbija hija nsostenibbli, u ghalhekk it-tieni eccezzjoni tal-kuraturi deputati in kwantu relattiva ghal din il-parti tat-talba hija legalment fondata.

Illi in kwanti ghat-talba attrici in kwantu bazata fuq id-dispost ta' l-artikolu 77 tal-Kap.16, il-Qorti, f' dan l-istadju u b' referenza ghal valur probatorju tal-prova genetika f' kazijiet konsimili, taghmel referenza ghal-konsiderazzjonijiet maghmula minn din il-Qorti fis-sentenza *PA[PS] Anna Zammit vs Carmelo Zammit et noe deciza fit-28 ta' Frar 2003.*

Mill-provi jirrizulta li meta t-tifel **G** gie koncepit, il-konvenuta Cathernine **D** ma kienitx tghix ma zewgha l-konvenut **E F** u fil-fatt kienu ilhom zmien separati de facto. It-tesi attrici hija fis-sens li l-minuri **G** mhuwiex il-wild naturali ta' zewg l-omm **E F**.

Illi rizultat ta' testijiet tad-DNA li saru minn kampjuni mehudin minn fuq il-persuni ta' l-attur, tal-minuri **G** u tal-konvenuta **C D**, jikkonferma t-tesi attrici li l-minuri mhuwiex il-wild naturali tal-konvenut **E F**; u ghalhekk tinsab esklusa b' certezza assodanti l-preteza favor legittimatis krejata bl-att tat-twelid tal-minuri;

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba attrici fis-sens li tiddikjara li l-minuri **G** li twieled fit-3 ta' Mejju 3006 mhuwiex il-wild naturali tal-konvenut **E F**; u tichad it-talba in kwantu ghall-kumplament;

[2] tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jghamel il-korrezzjoni mehtiega fl-Att tat-Twelid

numru 1505/2006, fis-sens li jigi kancellat l-isemm tal-konvenut **E F** flimkien mal-konnotati tieghu, u minflok jitnizzlu l-kliem “missier mhux maghruf”.

L-ispejjez jigu sopportati mill-attur u mill-konvenuta **C D** fi kwoti wgwali bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------